**QORTI TAL-MAĠISTRATI (GĦAWDEX)**
**ĠURISDIZZJONI SUPERJURI**
**SEZZJONI FAMILJA**

**MAĠISTRAT DOTTOR BRIGITTE SULTANA LL.D., LL.M. (CARDIFF), ADV. TRIB. ECCL. MELIT.**

**Illum, l-Erbgħa, 16 ta' Lulju 2025**

**Rikors Ġuramentat numru: 52/2024 BS**

**Hendrik Petrus Geldenhuys**

**-vs-**

**Stephanie Geldenhuys**

**Il-Qorti;**

**Rat ir-rikors konġunt tal-partijiet illi ppremettew:**

1. *Illi l-partijiet zzewgu nhar l-erbgha (4) ta' Mejju tas-sena elfejn u tnejn (2002) gewwa l-Afrika t'Isfel.*

2. *Illi minn dan iz-zwieg twieldu Kayla Rene Geldenhuys nhar id-disgha u ghoxrin (29) ta' Gunju tas-sena elfejn u tmienja (2008), Fynn Daniel Geldenhuys nhar is-sitta u ghoxrin (26) ta' Frar tas-sena elfejn u ghaxra (2010), u Jamie Marcel Geldenhuys nhar it-tlettax (13) ta' Dicembru tas-sena elfejn u tlettax (2013). Ghalhekk it-tfal huma kollha minorenni.*

3. *Illi l-partijiet ilhom separati de facto mis-sena elfejn wiehed u ghoxrin (2021). Iz-zwieg ta' bejn l-partijiet mhuwiex rikonciljabbli u ma jezisti*

*l-ebda prospett ragionevoli li dan isir minhabba li ghandhom haja totalment separata minn xulxin;*

4. *Illi jehtieg illi l-esponenti jigu awtorizzati jibdew kawza ta' divorzju.*

*Ghaldaqstant, l-esponenti umilment talbu lil din l-Onorabbli Qorti jogobgha tawtorizza lill-esponenti jifthu kawza ta' divorzju prevja l-hatra ta' medjatur ai termini tal-Artikolu 661 (1) tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta u tar-Regola*

Il-Qorti;

Rat ir-rikors konġunt tal-partijiet.

Fliet id-dokumenti u l-atti u minn dak li jirriżulta mill-atti huwa ben ċar illi li ma teżisti l-ebda possibilità ta' rikonċiljazzjoni u li ma hemmx pendenzi ta' ħlas ta' manteniment bejn il-partijiet.

Rat l-Artikoli 66 A, 66 B, 66 C tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta.

Rat illi l-kundizzjonijiet meħtieġa għad-divorzju ġew kollha sodisfatti.

**Decide.**

Għaldaqstant, in vista tal-premess u għar-raġunijiet fuq imsemmija, il-Qorti tilqa' t-talba konġunta tal-partijiet u fil-waqt li tippronunzja l-ħall taż-żwieġ ta' bejn il-partijiet tordna lir-Reġistratur tal-Qorti sabiex, fi żmien xahar mil-lum, javża lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jiġi reġistrat fir-Reġistru Pubbliku.

Spejjeż għandhom jitħallsu mill-partijiet nofs kull wieħed.

(ft) Dr. Brigitte Sultana

Maġistrat

(ft) Jenna Mizzi

D/Registratur

Vera Kopja

Għar-Reġistratur